II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/34

tat-22 ta' Diċembru 2021

li jemenda l-Annessi III, VIII, IX u XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti għasafar tal-kaċċa salvaġġi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, ta' kunsinni ta' ċerti molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar, ta ċerti prodotti tas-sajd, u tal-koxox taż-żrinġijiet u tal-bebbux u li jħassar id-Deċiżjoni 2007/82/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) u (4),

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 ([3]) jistabbilixxi r-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, sabiex jiżgura li jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fir-regoli dwar is-sikurezza tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 jew mar-rekwiżiti li huma rikonoxxuti bħala tal-inqas ekwivalenti. B'mod partikolari, id-dħul fl-Unjoni ta' dawk l-oġġetti u l-annimali huwa soġġett għar-rekwiżit li dawn ikunu ġejjin minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu li jkun inkluż f'lista f'konformità mal-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 ([4]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi u reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mal-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625.

(3) Sabiex jiġi elenkat, pajjiż terz jew reġjun tiegħu jrid jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2017/625 u ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625.

(4) L-Artikolu 4(f) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625 jistabbilixxi li l-eżistenza, l-implimentazzjoni u l-komunikazzjoni ta' programm ta' kontroll tar-residwi approvat mill-Kummissjoni, meta applikabbli, ikunu prerekwiżit għall-inklużjoni ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom fil-lista msemmija fl-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ([5]) approvat il-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi sottomessi minn ċerti pajjiżi terzi dwar annimali u prodotti tal-annimali speċifiċi elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(5) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2315 ([6]) neħħiet l-approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ tar-residwi tat-Tuneżija għall-kaċċa salvaġġa. Għaldaqstant, jenħtieġ li t-Tuneżija titneħħa mil-lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti għasafar tal-kaċċa salvaġġa maħsuba għall-konsum mill-bniedem, stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405. It-Tuneżija ġiet infurmata b'dan.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2315 approvat il-pjan ta' monitoraġġ għall-Ukrajna għall-gasteropodi tal-baħar fis-subkategorija "molluski". Minħabba l-fatt li l-Ukrajna pprovdiet evidenza u garanziji xierqa li juru li tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' gasteropodi tal-baħar mill-akkwakultura, jenħtieġ li dak il-pajjiż terz jiżdied fil-lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar, stabbiliti fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405. L-Ukrajna ġiet infurmata b'dan.

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2315 qasmet il-kategorija "prodotti tal-akkwakultura" fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE f'erba' subkategoriji "ħut bil-pinen", "prodotti tal-ħut bil-pinen", eż. kavjar, "krustaċji" u "molluski". Għal raġunijiet ta' konsistenza u ċarezza, huwa xieraq li l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat sabiex jiġu speċifikati s-subkategoriji tal-prodotti tal-akkwakultura li għalihom huma awtorizzati l-pajjiżi terzi, fejn rilevanti.

(8) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2315 approvat il-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi għall-prodotti tal-akkwakultura tal-Albanija, l-Arġentina, il-Belarussja, il-Bożnija-Ħerzegovina, iċ-Ċilì, il-Gżejjer Falkland, il-Gżejjer Faeroe, Isle of Man, Iżrael, il-Ġappun, il-Kenja, Mauritius, il-Moldova, Montenegro, New Zealand, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, Singapore, l-Iżvizzera, it-Tuneżija, it-Turkija, l-Uganda, l-Ukrajna, ir-Renju Unit u l-Urugwaj, fejn applikabbli, fost l-oħrajn, fir-rigward tas-subkategorija "ħut bil-pinen". Għaldaqstant, huwa xieraq li l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat sabiex jirrifletti dik l-approvazzjoni. Dawk il-pajjiżi terzi ġew infurmati b'dan.

(9) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2315 approvat il-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi għall-prodotti tal-akkwakultura tal-Bangladesh, il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, il-Kolombja, il-Costa Rica, l-Ekwador, il-Honduras, l-Indja, l-Indoneżja, il-Malasja, il-Messiku, il-Marokk, il-Myanmar/Burma, il-Panama, il-Perù, il-Filippini, is-Sawdija Arabja, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, it-Tajwan, it-Tajlandja, l-Istati Uniti u l-Vjetnam, fejn applikabbli fost l-oħrajn, fir-rigward tas-subkategoriji "ħut bil-pinen" u "krustaċji". Għaldaqstant, huwa xieraq li l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat sabiex jirrifletti dik l-approvazzjoni. Dawk il-pajjiżi terzi ġew infurmati b'dan.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2315 tas-17 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 464, 28.12.2021, p. 17).

(10) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2315 approvat il-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi għall-prodotti tal-akkwakultura tal-Belize, il-Brunei, Kuba, il-Gwatemala, il-Mozambique, New Caledonia, in-Nikaragwa, in-Niġerja, it-Tanzanija u l-Venezwela, fir-rigward tas-subkategorija "krustaċji". Għaldaqstant, huwa xieraq li l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat sabiex jirrifletti dik l-approvazzjoni. Dawk il-pajjiżi terzi ġew infurmati b'dan.

(11) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2315 approvat il-pjan ta' monitoraġġ tar-residwi tal-Iran fir-rigward tas-subkategoriji "prodotti tal-ħut bil-pinen (il-kavjar)" u "krustaċji". Minħabba l-fatt li l-Iran issa pprovda evidenza u garanziji xierqa li juru li jissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-ħut bil-pinen (kavjar) u ta' krustaċji mill-akkwakultura, jenħtieġ li tiġi emendata l-entrata tiegħu fil-lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti tas-sajd, stabbiliti fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405. L-Iran ġie infurmat b'dan.

(12) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2315 irtirat l-approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ tar-residwi tal-Oman għall-ħut bil-pinen. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Oman jitneħħa mil-lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti tas-sajd, stabbiliti fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405. L-Oman ġie infurmat b'dan.

(13) L-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' koxox taż-żrinġijiet u tal-bebbux. Jenħtieġ li l-Georgia u r-Russja jiżdiedu f'dik il-lista għall-bebbux peress li pprovdew evidenza u garanziji xierqa li juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' dawk l-oġġetti.

(14) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/82/KE ([7]) tirrikjedi lill-Istati Membri jipprojbixxu l-importazzjoni mill-Guinea tal-prodotti tas-sajd kollha maħsuba għal konsum mill-bniedem. Fl-2019, il-Kummissjoni wettqet awditu fil-Guinea, sabiex tevalwa s-sistemi ta' kontroll fis-seħħ li jirregolaw il-prodotti tas-sajd maħsuba għal konsum mill-bniedem u għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Fis-7 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni infurmat lill-Guinea li l-informazzjoni pprovduta kienet sodisfaċenti u li l-awditu tal-2019 kien ingħalaq b'suċċess. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2007/82/KE titħassar. Fid-dawl tal-eżitu tal-awditu, huwa xieraq li l-Guinea tibqa' tiġi elenkata fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 bħala pajjiż terz li minnu huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ħut salvaġġ maqbud li ma jkun għadda mill-ebda operazzjoni ta' preparat jew ta' proċessar għajr il-qtugħ ta' ras, l-evixxerazzjoni, it-tkessiħ jew l-iffriżar.

(15) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi III, VIII, IX u XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġu emendati skont dan.

(16) Għal raġunijiet ta' konsistenza mad-Deċiżjoni 2011/163/UE u fl-interess taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza,

(17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi III, VIII, IX u XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġu sostitwiti bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2007/82/KE titħassar.

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/82/KE tat-2 ta' Frar 2007 dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Guinea tal-prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 28, 3.2.2007, p. 25).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS III

Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom għasafar tal-kaċċa salvaġġi mhux imnittfa u mhux evixxerati maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu awtorizzati biss għad-dħul fl-Unjoni jekk jiġu ttrasportati bl-ajruplan, kif imsemmi fl-Artikolu 6

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ	KUMMENTI
AR	L-Arġentina	
BR	Il-Brażil	
CA	Il-Kanada	
CL	Iċ-Ċilì	
IL	Iżrael [1]	
NZ	New Zealand	
TH	It-Tajlandja	
US	L-Istati Uniti	

[1] [1]Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji taħt l-Amministrazzjoni Iżraeljana minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet tal-Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.

ANNESS VIII

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati, kif imsemmi fl-Artikolu 12

ISO TAL-PAJJIŻ KODIĊI	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	KUMMENTI
AU	L-Awstralja	
CA	Il-Kanada	
CH	L-Iżvizzera ([1])	
CL	Iċ-Ċilì	
GB	Ir-Renju Unit ([2])	
GG	Guernsey	Qabda salvaġġa biss
GL	Greenland	Qabda salvaġġa biss
IM	Isle of Man	
JE	Jersey	Qabda salvaġġa biss
JM	Il-Ġamajka	Gasteropodi tal-baħar minn qabda salvaġġa biss
JP	Il-Ġappun	Molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar iffriżati jew ipproċessati biss
KR	Il-Korea t'Isfel	Molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar iffriżati jew ipproċessati biss
MA	Il-Marokk	Il-molluski bivalvi pproċessati li jappartjenu għall-ispeċi *Acanthenocardia tubertatum* għandhom ikunu akkumpanjati minn: (a) attestazzjoni tas-saħħa addizzjonali f'konformità mal-mudell MOL-AT stabbilit fil-Kapitolu 32 tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([3]); u (b) ir-riżultati analitiċi tat-test li juru li l-molluski ma fihomx livell ta' velenu paralitiku tal-frott tal-baħar bil-qoxra (PSP) li jista' jiġi nnutat bil-metodu ta' bijoassaġġ
NZ	New Zealand	
PE	Il-Perù	Pectinidae (arzelli) evixxerati ta' oriġini mill-akkwakultura biss
TH	It-Tajlandja	Molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar iffriżati jew ipproċessati biss
TN	It-Tuneżija	
TR	It-Turkija	Fir-rigward tal-molluski bivalvi, il-molluski bivalvi iffriżati jew ipproċessati biss
UA	L-Ukrajna	Gasteropodi tal-baħar biss
US	L-Istati Uniti	Prodotti li joriġinaw mill-Istat ta' Washington u minn Massachusetts biss
UY	L-Urugwaj	
VN	Il-Vjetnam	Molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar iffriżati jew ipproċessati biss

(1) F'konformità mal-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

(2) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1).

ANNESS IX

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti tas-sajd, kif imsemmi fl-Artikolu 13, l-Artikoli 18(3), 19(4), u 20(3), u fl-Artikoli 22(b) u 25(d)

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	KUMMENTI
AE	L-Emirati Għarab Magħquda	Akkwakultura: Materja prima mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħra biss approvata għall-importazzjonijiet ta' tali materja prima fl-Unjoni
AG	Antigua u Barbuda	Awwisti ħajjin minn qabda salvaġġa biss
AL	L-Albanija	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
AM	L-Armenja	Ċkali ħajjin, ipproċessati bis-sħana u iffriżati minn qabda salvaġġa biss
AO	L-Angola	Qabda salvaġġa biss
AR	L-Arġentina	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
AU	L-Awstralja ([1])	
AZ	L-Ażerbajġan	Kavjar minn qabda salvaġġa biss
BA	Il-Bożnija-Ħerzegovina	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
BD	Il-Bangladesh	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
BJ	Il-Benin	Qabda salvaġġa biss
BN	Il-Brunei	Akkwakultura: Krustaċji biss
BQ	Bonaire, Sint Eustatius, Saba	Qabda salvaġġa biss
BR	Il-Brażil	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
BS	Il-Bahamas	Qabda salvaġġa biss
BY	Il-Belarussja	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
BZ	Il-Belize	Akkwakultura: Krustaċji biss
CA	Il-Kanada	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
CG	Il-Kongo	Qabda salvaġġa biss. Prodotti tas-sajd maqbuda, iffriżati u ppakkjati fl-imballaġġ finali tagħhom fuq il-baħar biss
CH	L-Iżvizzera ([2])	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
CI	Il-Kosta tal-Avorju	Qabda salvaġġa biss
CL	Iċ-Ċilì	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
CN	Iċ-Ċina	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
CO	Il-Kolombja	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
CR	Il-Costa Rica	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
CU	Kuba	Akkwakultura: Krustaċji biss
CV	Cabo Verde	Qabda salvaġġa biss
CW	Curaçao	Qabda salvaġġa biss

DZ	L-Alġerija	Qabda salvaġġa biss
EC	L-Ekwador	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
EG	L-Eġittu	Qabda salvaġġa biss
ER	L-Eritrea	Qabda salvaġġa biss
FJ	Fiġi	Qabda salvaġġa biss
FK	Il-Gżejjer Falkland	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
FO	Il-Gżejjer Faeroe	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
GA	Il-Gabon	Qabda salvaġġa biss
GB	Ir-Renju Unit ([3])	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
GD	Il-Grenada	Qabda salvaġġa biss
GE	Il-Georgia	Qabda salvaġġa biss
GG	Guernsey	Qabda salvaġġa biss
GH	Il-Ghana	Qabda salvaġġa biss
GL	Greenland	Qabda salvaġġa biss
GM	Il-Gambja	Qabda salvaġġa biss
GN	Il-Guinea	Qabda salvaġġa biss Ħut li ma għadda minn ebda operazzjoni ta' preparat jew ipproċessar għajr il-qtugħ tar-ras, l-evixxerazzjoni, it-tkessiħ jew l-iffriżar biss
GT	Il-Gwatemala	Akkwakultura: Krustaċji biss
GY	Il-Guyana	Qabda salvaġġa biss
HK	Hong Kong	Qabda salvaġġa biss
HN	Il-Honduras	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
ID	L-Indoneżja	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
IL	Iżrael ([4])	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
IM	Isle of Man	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
IN	L-Indja	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
IR	L-Iran	Akkwakultura: prodotti tal-ħut bil-pinen (kavjar) u krustaċji biss
JE	Jersey	Qabda salvaġġa biss
JM	Il-Ġamajka	Qabda salvaġġa biss
JP	Il-Ġappun	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
KE	Il-Kenja	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
KI	Il-Kiribati	Qabda salvaġġa biss
KR	Il-Korea t'Isfel	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
KZ	Il-Każakistan	Qabda salvaġġa biss
LK	Is-Sri Lanka	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
MA	Il-Marokk	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
MD	Il-Moldova	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss

ME	Il-Montenegro	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
MG	Madagascar ([1])	
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
MM	Il-Myanmar/Burma	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
MR	Il-Mauritania	Qabda salvaġġa biss
MU	Mauritius	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
MV	Il-Maldivi	Qabda salvaġġa biss
MX	Il-Messiku	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
MY	Il-Malasja	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
MZ	Il-Mozambique	Akkwakultura: Krustaċji biss
NA	In-Namibja	Qabda salvaġġa biss
NC	New Caledonia	Akkwakultura: Krustaċji biss
NG	In-Niġerja	Akkwakultura: Krustaċji biss
NI	In-Nikaragwa	Akkwakultura: Krustaċji biss
NZ	New Zealand	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
PA	Il-Panama	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
PE	Il-Perù	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
PF	Il-Polineżja Franċiża	Qabda salvaġġa biss
PG	Papua New Guinea	Qabda salvaġġa biss
PH	Il-Filippini	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
PM	Saint Pierre u Miquelon	Qabda salvaġġa biss
PK	Il-Pakistan	Qabda salvaġġa biss
RS	Is-Serbja	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
RU	Ir-Russja	Qabda salvaġġa biss
SA	L-Arabja Sawdija	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
SB	Il-Gżejjer Solomon	Qabda salvaġġa biss
SC	Is-Seychelles	Qabda salvaġġa biss
SG	Singapore	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
SH	Saint Helena (Ma tinkludix il-gżejjer ta' Tristan da Cunha u ta' Ascension)	Qabda salvaġġa biss
	Tristan da Cunha (Ma tinkludix il-gżejjer ta' Saint Helena u Ascension)	Awwisti (friski jew iffriżati) minn qabda salvaġġa biss
SN	Is-Senegal	Qabda salvaġġa biss
SR	Is-Suriname	Qabda salvaġġa biss
SV	El Salvador	Qabda salvaġġa biss
SX	Sint Maarten	Qabda salvaġġa biss

TH	It-Tajlandja	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
TN	It-Tuneżija	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
TR	It-Turkija	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
TW	It-Tajwan	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
TZ	It-Tanzanija	Akkwakultura: Krustaċji biss
UA	L-Ukrajna	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
UG	L-Uganda	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
US	L-Istati Uniti	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
UY	L-Urugwaj	Akkwakultura: Ħut bil-pinen biss
VE	Il-Venezwela	Akkwakultura: Krustaċji biss
VN	Il-Vjetnam	Akkwakultura: Ħut bil-pinen u krustaċji biss
YE	Il-Jemen	Qabda salvaġġa biss
ZA	L-Afrika t'Isfel	Qabda salvaġġa biss
ZW	Iż-Żimbabwe	Qabda salvaġġa biss

([1]) Dawn il-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom jistgħu jesportaw il-prodotti tas-sajd kollha (il-ħut bil-pinen, il-prodotti tal-ħut bil-pinen u l-krustaċji).

([2]) Skont il-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

([3]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.

([4]) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji taħt l-Amministrazzjoni Iżraeljana minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet tal-Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.

ANNESS XI

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' koxox taż-żrinġijiet u ta' bebbux, kif imsemmi fl-Artikolu 17

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	KUMMENTI
AL	L-Albanija	
AM	L-Armenja	Bebbux biss
AU	L-Awstralja	
AZ	L-Ażerbajġan	
BA	Il-Bożnija-Ħerzegovina	Bebbux biss
BR	Il-Brażil	Koxox taż-żrinġijiet biss
BY	Il-Belarussja	Bebbux biss
CA	Il-Kanada	Bebbux biss
CH	L-Iżvizzera ([1])	
CI	Il-Kosta tal-Avorju	Bebbux biss
CL	Iċ-Ċilì	Bebbux biss
CN	Iċ-Ċina	
DZ	L-Alġerija	Bebbux biss
EG	L-Eġittu	Koxox taż-żrinġijiet biss
GB	Ir-Renju Unit ([2])	
GE	Il-Georgia	Bebbux biss
GG	Guernsey	
GH	Il-Ghana	Bebbux biss
ID	L-Indoneżja	
IM	Isle of Man	
IN	L-Indja	Koxox taż-żrinġijiet biss
JE	Jersey	
MA	Il-Marokk	Bebbux biss
MD	Il-Moldova	Bebbux biss
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	Bebbux biss
NG	In-Niġerja	Bebbux biss
NZ	New Zealand	Bebbux biss
PE	Il-Perù	Bebbux biss
RS	Is-Serbja	Bebbux biss
RU	Ir-Russja	Bebbux biss
TH	It-Tajlandja	Bebbux biss
TN	It-Tuneżija	Bebbux biss
TR	It-Turkija	

UA	L-Ukrajna	Bebbux biss
US	L-Istati Uniti	Bebbux biss
VN	Il-Vjetnam	
ZA	L-Afrika t'Isfel	Bebbux biss

([1]) Skont il-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

([2]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq."